Noel D'Anastas
ndanastas@gmail.com



(Ritratt: Siemenjov Galdes)

# It-12-il edizzjoni ta' *Strummin' the Elements*

*Strummin' the Elements* huwa kunċert li fih madwar 80 kitarrista b'ħoss akustiku se jkunu qed idoqqu flimkien fuq *stage* wieħed.

Preżentat miż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, l-edizzjoni ta' din is-sena, it-12 il-waħda ta' *Strummin' the Elements*, se jsir fis-Sala Sir Temi Zammit fl-Università ta' Malta nhar il-Ġimgħa 11 u s-Sibt 12 ta' Ottubru. Jibda fit-tmienja ta' filgħaxija.

Fost il-mużika li se tindaqq se jkun hemm ripertorju minn Gene Kelly, The Beatles u ACĊDC fost ħafna oħrajn. Magħhom se jkun hemm diversi kantanti fosthom Pawlu Borg Bonaci u Luke Dalli.

Il-biljetti jistgħu jinxtraw minn fuq is-sit *www.sayitmalta.com/strummin* jew 79244418 bil-qligħ minnhom imur għal Hospice Malta.

# It-tieni edizzjoni ta' Lissen Festival is-Sibt li ġej

Bħala parti mil-Proġett Band'Oħra, il-Folk Stage tan-Notte Bianca fi Pjazza Teatru Rjal se jkun qed jospita t-tieni edizzjoni tal-Lissen Festival taħt id-direzzjoni ta' Justin Galea.

Nemmen li dan il-festival għandu jkollu aktar inkoraġġiment u attenzjoni. Fih bosta elementi, uħud minnhom magħrufa, fi stili varji jdoqqu u jwasslu l-mużika mal-polz tagħhom fl-ilsien vernakulari.

L-ewwel edizzjoni ta' Lissen kien sar sena ilu fil-grawnd tal-futbol tal-Isla f'Kordin bis-sehem tal-Particle Blue, KażinSka, Brikkuni, Plato's Dream Machine, il-kantawtur Vince Fabri, u l-element ġdid Sempliċiment tat-Triq u Brodu.

Din is-sena qed isir fin-Notte Bianca. Il-formazzjoni ta' din is-sena se tinkludi lil: Mistura, Vince Fabri, No Bling Show, KażinSka u Danjeli Schembri. Qalb il-fdalijiet tat-Teatru Rjal, Lissen se jwassal wirja ta' xogħlijiet tal-artist kontemporanju Jennings Falzon.

Id-dħul hu b'xejn.

# Mużika fil-Lejl Imdawwal

Nhar is-Sibt li ġej, 5 ta' Ottubru l-Belt Valletta se terġa' tilqa' l-eluf biex iżuruha u japprezzaw is-sbuħija li toffri fil-lejl imdawwal. Bħas-snin l-imgħoddija, f'diversi lokazzjonijiet madwar il-Belt se jkun hemm *stages* li joffru divertiment mużikali lokali.

Fix-xena metal se jkun hemm seba' *bands* tajbin bi stili differenti. Il-kunċert se jibda mis-7.15 p.m. u jibqa' sejjer sa kważi s-2.15 tal-Ħadd filgħodu. Kull *band* se jkollha siegħa x'toffri għad-dispożizzjoni tagħha. Il-post riservat għall-mużika metal se jkun fil-bitħa tat-Teatru MITP fi Triq San Kristoforu.

L-ewwel *band* li se ddoqq hi Nomad Son u warajha fit-8.15 idoqqu Insurgence. Warajhom fl-ordni se jdoqqu Weeping Silence, Norm Rejection, 26 Other Worlds, Loathe u 12th Ode.

# Jitħabbru r-regolamenti għall-*Malta Eurovision Song Contest*

Ir-regolamenti għall-*Malta Eurovision Song Contest* li jmiss harġu u fihom xi tibdil mis-snin li għaddew. Fil-fatt, minflok is-soltu 24 kanzunetta semifinalista, din id-darba ħa jkun hemm 20 li minhom iridu jgħadu 14 għall-finali minflok 16. Is-*songwriters* jistgħu jkunu lokali jew barranin izda l-artisti jridu jkunu Maltin jew li jħaddnu ċittadinanza Maltija.



Gianluca Bezzina, rebbieħ tal-aħħar edizzjoni tal-Malta Eurovision Song Contest

Regopla oħra li tneħħiet kienet dik li kienet saret fl-2011 meta l-PBS kien addotta regola li r-rebbieħa tal-aħħar tlett edizzjonijiet ma jkunux jistgħu jidħlu fil-*Malta Eurovision Song Contest.* Fl-edizzjoni tal-2012 u dik tas-sena l-oħra, din ir-regola ġiet estiża għal ħames snin.

Bil-bidla ta' din ir-regola issa r-rebbieħa tal-edizzjonijiet preċedenti, barra dak tas-sena l-oħra, jistgħu jissottomettu l-kanzunetta tagħhom. Mir-rapport li deher fuq *escflashmalta.com* hemm possibbiltà li fost dawk ir-rebbieħa tal-passat reċenti li jistgħu jirritornaw jekk jiġu offruti l-aħjar kanzunetta għalihom hemm Chiara, Glen Vella u Kurt Calleja.

Wieħed jista' jakkwista kopja ta' dawn ir-regolamenti billi jikteb lil *mesc@pbs.com.mt.* Is-sottomissjonijiet għall-*Malta Eurovision Song Contest 2014* iridu jaslu fil-*Creativity Hub* fi Gwardamanġa sal-aħħar ta' Ottubru bi ħlas ta' 150 ewro.

# Ir-ritorn ta' Malta fil-Junior Eurovision Song Contest

Sorpriża kienet l-aħbar mill-*Public Broadcasting Service* li Malta se terġa' tieħu sehem fil-*Junior Eurovision Song Contest* li din is-sena se jsir f'Kiev, l-Ukrajna, fit-30 ta' Novembru.

Il-kantanta li se tirrappreżenta lil Malta hi Gaia Cauchi, studenta f'*La Voix Academy* taħt Gillian Attard. Għall-kuntrarju ta' edizzjonijiet passati fejn kien isir festival li minnu tingħażel il-kanzunetta ambaxxatriċi għal dan il-konkors tat-tfal, din id-darba l-għażla saret waħda interna fil-PBS.

L-aħbar kienet waħda kompletament sorpriża li ħasdet lil ħafna ammiraturi tax-xena tal-festivals lokali meta tqis li fil-passat qatt ma kien hemm għażla awtomatika interna bħalma jiġri f'xi pajjiżi oħra, għalkemm ġieli kien hemm xi suġġerimenti dwar dan.

L-aħħar dehra ta' Malta f'dan il-festival kien fis-sena 2010 meta Nicole Azzopardi kienet ġiet klassifikata fit-13 il-post b'35 punt bis-song *Knock! Knock! Boom! Boom!*

Gaia Cauchi għandha talent kbir u tippromettti. Fl-aħħar edizzjoni tal-*Malta Music Awards* ingħatat l-*International Achievement Award* għar-rebħ fis-Sanremo Junior fit-teatru tal-Ariston kif ukoll għas-sehem fil-programm *Ti Lascio Una Canzone* fuq ir-RAI li ħemm kellha wkoll l-opportunità li tkanta mal-kantanta Taljana Alessandra Amoroso.

Mill-istess *La Voix Academy,* fil-mument hemm żewġ itfal bniet li hadu sehem f'*Io Canto* imxandar fuq Canale 5. Shauna Vassallo ta' 13-il sena u Veronica Rotin ta' 9 snin kellhom kliem ta' tifħir mingħand Gerry Scotti, il-preżentatur tal-programm *Io Canto,* il-vetrina għall-kantanti ta' bejn il-5 u s-16 il-sena.

L-interpretazzjonijiet li taw kienu brillanti. Nifirħulhom u nawguralhom għal quddiem.